**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 467/18 CZ**

**Brian u Stephen ahwa Attard li jiggestixxu n-negozju taht l-isem 'Joe Auto Dealer'**

**vs.**

**Auto Sales Limited (C-491)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fl-20 ta' Settembru 2018 li biha premettew:

Illi fid-dsatax (19) t'Ottubru tas-sena 2017, l-esponenti, li jiggestixxu n-negozju taghhom taht l-isem 'Joe Auto Dealer', bieghu vettura tat-tip Mercedes- Benz GLA A 220 lil klijent taghhom, is-Sur Carmel Vella.

Wara biss ftit gimghat, din il-vettura, li ghalkemm kienet inxtrat 'second hand' kienet ghadha f'kundizzjoni eccellenti, zviluppat xi hsarat minuri fir-'rear differential' taghha u kien ghalhekk illi l-esponenti marru ghand is-socjeta' konvenuta, bhala l-agenti lokali ta' Daimler AG, is-socjeta' Germaniza li tipproduci l-vetturi tat-tip Mercedes-Benz.

L-impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu hadu ftit zmien sabiex ikkonfermaw is-sors tal-problema tal-vettura, pero' fl-ahhar kienu kkonfermaw illi l-problema kienet gejja mir-'rear differential' tal-vettura u li din il-parti kellha tinbidel.

Billi, kif spjegat aktar 'il fuq,k il-vettura kienet ghadha f'kundizzjoni eccellenti u peress illi ma kienx normali illi hsara ta' dan it-tip tizvilupa f'vettura daqshekk gdida u b'kilometragg daqshekk bxxx, is-socjeta' konvenuta kienet offriet skond ta' 75% lill-esponenti fuq il-prezz finali tat-tiswija mehtiega. Dan kien ifisser li l-prezz li kellu jhallas l-esponenit kien ta' €1,700 (25% ta' €6,800). Dan il-ftehim kien gie offrut lill-esponenti nhar l-1 ta' Marzu tas-sena 2018.

Dan l-iskont kien inghata lill-esponenti bil-fomm fil-prezenza tal-klijent taghhom u ta' ibnu, is-Sur Antoine Vella, u kien sahansitra gie kkonfermat ukoll b'ittra elettronika mis-Sur Sokolic bhala rapprezentant tal-'Customer Assistance Centre' tal-kumpanija 'Mercedes-Benz' f'isem Auto Sales Ltd.

Illi pero' gara li meta l-esponenti gew biex jiehdu l-vettura ghat-tiswija ghand is-socjeta' konvenuta, huma gew mgharrfa illi din l-offerta kienet giet irtirata minghajr ebda spjegazzjoni, hlief ghall-fatt illi dak il-ftehim kien validu biss ghal tletin (30) jum u li issa kienu skadew. Dan qatt ma kien mgharraf lill-esponenti, li sahansitra kienu anke rcivew emails mill-Customer Care Centre ta' Daimler AG oltre dawn it-tletin (30) jum biex jinfurmaw lill-esponent li min-naha taghhom, dan il-ftehim kien ghadu validu!

Illi s-socjeta’ konvenuta naqqset l-iskont li kienet qed toffri ghal 50%, u ghalhekk il-prezz dovut f’dan l-istadju kein ta’ €3,400.

Huwa car illi f’dan l-kaz kien hemm nuqqas kbir ta’ komunikazzjoni bejn is-socjeta’ Germaniza u l-agenti lokali taghha cioe’ s-socjeta’ konvenuta, izda bl-ebda mod ma ghandhom ibatu l-konsegwenzi ta’ dan il-konvenuti.

Peress illi l-interess primarju tal-esponenti kien illi l-klijent taghhom jinqeda u jinghata servizz fil-hin, l-esponentihallsu l-ammont ta’ €3,400 sabiex isiru t-tiswijiet necesarji fuq il-vettura.

Minkejja dan, l-esponenti jemmnu illi l-ftehim li huma kellhom mas-socjeta’ konvenuta dwar il-prezz tat-tiswijiet jikkostitwixxi kuntratt bejn il-partijiet, liema kuntratt sal-lum mhux qed jigi onorat mill-istess socjeta’ konvenuta.

Illi minkejja illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tirrifondi l-ammont ta’ €1,700 lill-esponenti, din baqghet inadempnjenti u ghalhekk kellha tittiehed din l-azzjoni.

Ghalhekk l-esponenti qeghdin jipprezentaw dan l-avviz sabiex is-socjeta’ konvenuta tigi ordnata tonora l-ftehim taghha mal-esponenti tal-1 ta’ Marzu 2018 u dan billi tapplika l-iskont ta’ 75% fuq il-prezz tat-tiswija tal-vettura in kwestjoni u ghalhekk tirrifondi l-ammont ta’ €1,700 lill-esponenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta mressqa fit-12 t'Ottubru 2018 li permezz taghha eccepiet:

(i) Preliminarjament, għandha tinġieb prova li l-atturi għandhom interess ġuridiku f'din il-kawża kif ukoll jekk dawn humiex surrogati fid-drittijiet ta' Carmel Vella li huwa s-sid tal-Mercedes-Benz GLA 220 ("il-Vettura") in kwistjoni u li allegatament sofra d-danni;

(ii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' ntimata tiċħad li kien hemm kwalunkwe tip ta' kuntratt jew qbil bejnha u bejn l-atturi, huwa minnu li s-soċjeta ntimata hija l-aġent lokali tas-soċjeta estera Daimler AG, madankollu hija aġixxiet unikament bħala intermedjarju bejn l-atturi u s-soċjeta estera f'din it-transazzjoni u għaldaqstant tissottometti li m'hijiex il-leġittima kontadittriċi f'din it-tilwima;

(iii) Mingħajr predġudizzju għas-suespost, kwalunkwe ħlas li sar, sar mingħajr ebda protest u kwindi issa ma tistax tintalab ir-rifużjoni;

(iv) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-offerta li kienet saret mis-soċjeta' estera Daimler AG kienet kundizzjonata li tagħlaq fi żmien tletin (30) jum, fatt ben saput mill-atturi, u tali offerta ma ġietx aċċettata mir-rikorrenti f'dan il-perjodu u kwindi tali offerta ma baqgħetx tgħodd.

Bl-ispejjeż,

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Brian Attard[1], Antoine Vella[2], Carmel Vella[3], Stephen Attard[4], Etienne Attard[5], Clayton Gatt[6], Brian Attard in kontro-ezami[7], u Etienne Attard in kontro-ezami[8].

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi l-atturi m'ghandhomx interess guridiku f'din il-kawza. It-Tribunal jinnota pero' illi kienu l-atturi illi hallsu ghall-hsara in kwestjoni, tant li gie esebit ic-cheque relattiv, u ghalhekk ladarba huma ghamlu l-hlas, anke jekk ghal karozza li ma  baqghetx taghhom izda issa tal-klijent Carmel Vella, ghandhom ghal daqshekk interess li jippromwovu kawza bhal din.

---

[1] Fol. 13
[2] Fol. 23
[3] Fol. 25
[4] Fol. 28
[5] Fol. 33
[6] Fol. 37
[7] Seduta tal-10 ta' Dicembru 2018
[8] Fl-istess seduta tal-10 ta' Dicembru 2018

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll illi hija mhijiex il-legittimu kontradittur. It-Tribunal hawnhekk ukoll josserva illi kienet is-socjeta' konvenuta li ghazlet li tittratta l-kwistjoni tal-atturi u anke ssottomettiet dan il-kaz ta' hsara ghas-sistema elettronika li ghandhom id-Daimler tal-Germanja, u dan sabiex tkun tista' tikkomunika lill-atturi xi tkun id-direzzjonili qed tinghata mis-sistema. Din id-direzzjoni fil-fatt inghatat, u s-socjeta' konvenuta wasslitha lill-atturi.

Illi ghahekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ebda wahda mill-ewwel zewg eccezzjonijiet ma ghandha tintlaqa'.

Illi jibqa' izda l-kwistjoni fil-mertu, li essenzjalment tirriduci ruhha ghall-kwistjoni dwar jekk kienx minnu jew le li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien informa lill-atturi dwar it-terminu li ghalih kienet tghodd l-offerta ta' Daimler li jsewwu l-hsara u jithallas biss hamsa w ghoxrin fil-mija (25%) tal-prezz. Filwaqt li x-xiehda tas-socjeta' konvenuta, partikolarment Clayton Gatt, li kellu relazzjoni diretta mal-atturi, jixhdu illi kienu specifikaw b'mod car illi din l-offerta tad-Daimler kienet tiswa ghal tletin (30) jum, min-naha l-ohra l-atturi, u kif ukoll sid il-vettura Carmel Vella, u ibnu Antoine Vella jghidu li s-socjeta' konvenuta ma infurmathomx li kien hemm xi terminu ghall-accettazjoni tal-offerta o meno.

Illi jirrizulta illi wara li l-atturi attiraw l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-hsara in kwestjoni, bin is-sid tal-vettura, Antoine Vella, wera ruhu riluttanti illi jaccetta l-proposta ta' Daimler AG sabiex il-hsara tissewwa u kwart mill-ispejjez ibatihom is-sid. Mid-dicitura tal-e-mail mibghuta minn Antoine Vella fit-3 ta' Marzu 2018, jirrizulta illi Vella kien qed jipprotesta u jsostni li m'ghandu jhallas xejn, u cioe' lanqas il-kwart tal-ispejjez.

Illi minn din l-e-mail jirrizulta illi Vella kellu animu illi ma jaccettax l-offerta maghmula minhabba li, evidentement, ma ried ihallas xejn, la l-prezz shih u lanqas kwart tieghu.

Illi t-Tribunal min-naha l-ohra qies ukoll ix-xiehda ta’ Clayton Gatt, kif sostnuta minn Etienne Attard, li t-tnejn li huma kienu haddiema tas-socjeta’ konvenuta, li qalu li l-atturi u sid il-vettura gew infurmati b’dan it-terminu ta’ tletin (30) jum.

Illi l-fatt illi kien hemm il-proposta ta’ apporzjonament ta’ hlas jirrizulta li kien maghruf ben tajjeb minn sid il-vettura, ghaliex ibnu Antoine Vella kien baghat propju l-e-mail fuq imsemmija sabiex jipprotesta ghall-hlas ta’ kwart tal-ispejjez. Li huwa kontestat huwa, kif gia’ inghat, jekk l-atturi u sid il-vettura gewx mgharrfa bit-terminu ta’ tletin jum.

Illi t-Tribunal ra s-sekwenza ta’ kif sehhew l-affarijiet u jara li huwa importanti hafna l-punt illi s-sid tal-vettura, u l-atturi, kienu qed jippruvaw jikkontestaw id-direzzjoni originali moghtija mis-sistema Eskulab, u cioe’ dik id-direzzjoni li kienet qed tindika li s-sid ghandu jhallas kwart tal-ispejjez. It-Tribunal jara li dan in-nuqqas ta’ qbil wassal sabiex verament ghaddew it-tletin jum minn mindu saret l-offerta lilhom l-ewwel darba. It-Tribunal inoltre ikkunsidra sew ix-xiehda ta’ Clayton Gatt, u m’ghandux ghalfejn ma jemminx li fil-fatt Gatt kien avza lill-atturi u lil sid il-vettura bit-terminu ta’ tletin (30) jum. Dan ghaliex ir-rapport Eskulab kien qed jaghti direzzjoni li bazikament hija maqsuma fi tnejn, u cioe’: L-ewwel direzzjoni kienet illi s-sid ghandu jhallas kwart tal-ispejjez, u t-tieni direzzjoni kienet illi din l-offerta kienet tiswa ghal tletin (30) jum. Dawn iz-zewg direzzjonijiet imorru flimkien, u t-Tribunal difficli jemmen illi giet komunikata lill-atturi direzzjoni wahda, izda mhux l-ohra, u dan peress li z-zewg direzzjonijiet huma ugwalment importanti, sakemm mhux wahda (dik tat-terminu) addirittura iktar importanti mill-ohra.

Illi mizjud ma’ dan, ghand jinghad, kif tajjeb eccepit mis-socjeta’ konvenuta, illi l-atturi eventwalment hallsu nofs l-ispejjez u hallsuhom minghajr ebda kwalifika jew

riserva, jew protest formali, minkejja li precedentement kienu baqghu jinsistu li ghandha tibqa' tapplika l-proposta originali.

Illi jidher lit-Tribunal illi fil-fatt f'certi punti l-atturi u sid il-vettura ma kinux fi qbil. Filwaqt illi l-atturi kienu qed jinsistu illi ghandhom ihallsu skond id-direzzjoni l-originali, u cioe' kwart tal-ispejjez, u mhux in-nofs, min-naha l-ohra Antoine Vella kien qed jikkontesta sahansitra l-kwart tal-ispejjez u jishaq illi sid il-vettura m'ghandu jhallas xejn. Din il-kontradzzjoni, ghal darb'ohra, lanqas ma tghin lit-Tribunal biex jaghti iktar piz lill-verzjoni tal-attruri u mux dik tas-socjeta' konvenuta.

Illi finalment, u dan lil hinn, minn jekk is-socjeta' konvenuta kinitx gharrfet lill-atturi bit-terminu ta' tletin jum, ghandu jirrizulta illi dak li ghamlet is-socjeta' konvenuta kien biss *per via* ta' offerta u mhux ghaliex kienet b'xi mod marbuta kuntrattwalment, f'dan il-kaz partikolari, li ssewwi din il-karozza b'xi mod jew iehor. L-atturi ma pproducew xejn illi jista' jindika li s-socjeta' konvenuta, bhala socjeta' Maltija li tbiegh dawn it-tip ta' karozzi (izda li ma bighhitx din il-karozza partikolari), kienet marbuta b'xi mod li toffri rimedju, ikun x'ikun, lill-atturi; u anke ghalhekk it-talba tal-atturi ma tisthoqqx li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta', u jichad it-talba tal-atturi.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn ghaxar (1/10) mis-socjeta' konvenuta u disgha minn ghaxra (9/10) mill-atturi.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur